# IL-Ħuttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 24 Jannar Frar 1998

BirdLife MALTA

Stampat fuq karta riċiklata










Ray Galea

*Gallina*

# Happy Birthday Ħuttafa!



B'Ħarġa 24, dan il-magażin jagħlaq 4 snin. Min minnkom ilu membru minn Marzu1994 suppost faddal is-sett kollu.

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet | paġ 3 |
| Numri | paġ 3 |
| X'għandna mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 24 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...il-BUĊAQQ | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Gallerija | paġ 7 |
| Oħloq Annimal | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Ħarġa b'differenza | paġ 9 |
| Ħajk | paġ 9 |
| Kont taf | paġ 9 |
| Il-MARTRI tax-XAMPU | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Bolli għall-Ballut | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera...ġewwa | paġ 12 |




Gawwija Rasha Sewda

## Faċċata ta' Quddiem

## Gallina

(*Scolopax rusticola* - Woodcock)

Għasfur tal-ħarifa u x-xitwa, il-Gallina ma tantx taraha għax bi nhar tinħeba. U jaqblilha, għax jekk jaraha kaċċatur idamdamha. Għax il-kaċċaturi x'ħin jaraw gallina taqagħlhom żaqqhom qishom qatt ma kielu.

# editorjal

## Ħbieb



Ħafna Maltin jaħsbu li l-liġijiet isiru għall-ġid tal-bnedmin biss. Għalhekk ħafna nies ma jemmnux li jista' jkollok liġi li taqbeż ukoll għall-annimali.

U jekk ma jemmnux, aħseb u ara mela kemm lesti biex jifhmu!

Kemm jiskantaw xi nies meta tgħidilhom li ż-żrinġijiet ma tistax taqbadhom, għax kontra l-liġi. Jaħsbuk qed tiċċajta. Iktar u iktar meta tgħidilhom li anke l-gremxul, il-wiża', is-sriep u l-friefet il-lejl. Jaħsbuk li tlift xi skorfina.

Imma, ħbieb, hekk hu. Dawn l-annimali (u magħhom ħafna oħrajn, fosthom il-biċċa l-kbira ta' l-għasafar, u anke xi pjanti), il-liġi tal-pajjiż taqbeż għalihom u tgħidlek li ma tistax taqbadhom, jew toqtolhom, lanqas tfixkilhom.

Imma tgħid għaliex? Possibli li anke dawn huma importanti? Ħeqq, u kif le?! Il-ħajja hija kollha kemm hi importanti. Mill-ikbar baliena sa l-iċken insett, aħna l-bnedmin għandna nuruhom rispett, inħobbuhom u, fejn nistgħu, niddefenduhom.



Għax l-annimali wkoll għandhom id-drittijiet tagħhom. Ħasra li, kif taraw per eżempju fl-artiklu ta' Elizabeth, (p10) għad hawn tant nies li għalihom ħajja ta' annimal ma tiswa xejn.

Victor

Victor Falzon
Editur




**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon, Angéle Pulis, Chris Pulis, Sharon Sultana.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, slide-shows, video-shows u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet.
Klabb Ħuttaf għandu wkoll (s'issa) 5 Gruppi Lokali fil-pajjiż.
Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**

Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Jannar 1998

aħbarijiet




# Il-Munxar ...minxur!

Il-Munxar u l-inħawi magħrufin bħala Xrobb l-Għaġin huma post sabiħ u għall-beraħ fin-Nofsinhar ta' Malta (faċċata tar-Ramla ta' San Tumas).
Fl-**1994** il-Munxar sar **riserva naturali**. Idea tajba!
Fl-**1997** bdew pjanijiet biex il-Munxar isir **park nazzjonali**. Idea tajba!
Imma f'daqqa waħda l-istampa saret kerha!
F'daqqa waħda, ftit ġimgħat ilu smajna li **l-Munxar tneħħa mil-lista ta' riservi naturali**. Jiġifieri issa l-kaċċaturi ħa jkunu jistgħu jerġgħu jidħlu joqtlu l-għasafar bl-addoċċ u bla kontroll, kif dejjem jagħmlu.
BirdLife irrabjat ħafna. Ma tistax tifhem x'se tieħu Malta minn din id-deċiżjoni. Li se jiġri hu li Malta se ssir

1) **iktar fqira** (b'inqas għasafar, b'inqas natura u probabbli b'inqas turisti)
2) **iktar imniġġsa** (biċ-ċomb li jinżel fil-ħamrija)
3) **iktar maħmuġa** (bl-iskrataċ vojta)
4) **iktar storbjuża** (bl-isparar)



Għalhekk BirdLife irrabjata. Klabb Ħuttaf jistaqsi: Allura fejn imiss issa? Il-Buskett?!



John Falzon

Kull lejl fl-Awstralja jinqatlu 10,000 kangaru. Le, mhux għax itajruhom bil-karozza! Jisparawlhom! X'inhi l-akkuża? Għax jieklu l-ħaxix!

# X'għandna mid-Dinja!






## Lupu fi New York!!

Xi sena ilu (Il-Ħuttafa 17) konna ktibna li fil-USA qed idaħħlu mill-ġdid gruppi ta' lpup f'xi stati bħal Idaho, Wyoming u New Mexico. Imma qatt kontu tobsru li għad idaħħlu l-lupu fi New York? Fejn? Qalb l-iskajskrejpers, jew! Le, le. Meta ngħidu New York hawnhekk m'aħniex infissru l-*belt*, imma l-*istat*, biċċa art kbira kważi daqs it-Tuneżija! F'dan l-istat hemm kullana muntanji jisimhom Adirondacks. **Il-bjoloġi qed jistudjaw kemm huwa possibli li n-newħa tal-lupu għad xi darba tinstema' anke f'dawn il-muntanji.**

National Geographic • Sept 1997

**Żball!** F'Il-Ħuttafa 23 p4 ktibna li l-Velleran tal-Marokk intlemaħ fl-Etjopja. Żball. Ridna ngħidu l-Eritrea. Skużawna!

## Kompetizzjoni 24

Norman Chetcuti (Mr Quizzit)

**X'inhuma l-annimali?** Imla t-Tisliba, imbagħad ibgħat kopja tat-Tisliba mimlija, lil **BirdLife Malta (Kompetizzjoni Il-Ħuttafa 24) POBox498 Valletta CMR01**. Tinsix id-dettalji tiegħek. Ir-rebbieħ jingħata **Compact Disk** ġentilment mogħti minn **The Scorpion** (ara isfel). Żmien għandek sat-**12 Marzu 98.**






Ir-rebbieħ ta' **Kompetizzjoni 23** huwa **Joseph Farrugia** miż-Żurrieq. Joseph jista' jmur jiġbor is-**CD li rebaħ** mill-ħanut **The Scorpion** (ara isfel). Importanti li jieħu miegħu l-membership card.

THE SCORPION

**Martial Arts, Keep-fit Sports and Music**

**The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA 19**
**Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284**



# il-Buċaqq tax-Xitwa



**Bħalissa l-għasafar li naraw x'aktarx ikunu għasafar tax-xitwa. Dawn ikunu ġew mill-Ewropa biex iqattgħu x-xitwa magħna, għax f'Malta l-klima hija moderata, u għalhekk iktar għandhom ċans isibu ikel u kenn. Fost l-għasafar l-iktar komuni u jispikkaw f'dażżmien, insibu l-Buċaqq tax-Xitwa.**

Kif juri ismu, il-Buċaqq ma narawhx fis-sajf. Jasal hawn f'Ottubru u Novembru, u jibqa' magħna sa Frar u Marzu. Ġieli jidher xi wieħed f'Settembru jew April ukoll, u hawnhekk irridu noqogħdu attenti li ma nitfixkluhx ma' kuġinuh il-**Buċaqq tas-Silla**, li jitfaċċa fir-rebbiegħa u l-ħarifa.

Il-Buċaqq tax-Xitwa jħobb ambjent miftuħ u għalhekk jgħix l-aktar fix-xagħri u fl-għelieqi. Iħobb joqgħod ukoll mal-ġenb ta' xi wied jew f'art żdingata..

Il-Buċaqq tax-Xitwa huwa għasfur żgħir, imma faċli jingħaraf. Ir-raġel ikun skur, kważi iswed minn fuq, u ħamrani minn taħt. Hemm kuntrast ben rasu kannella skura u sidru oranġjo fl-aħmar. Il-mara jkollha l-istess kuluri, imma ħafna aktar ċari. It-tnejn għandhom marki bojod fuq denbhom u fuq il-ġwienaħ, li jispikkaw meta jtiru.

Malti: **Buċaqq tax-Xitwa**
Ingliż: **Stonechat**
Xjentifiku: ***Saxicola rubetra***



**Buċaqq tas-Silla**

Il-Buċaqq iħobb joqgħod f'tarf xi Bużbieża jew pjanta għolja oħra, u joqgħod jerfa' denbu bl-iskossi. Jittajjar minn arbuxxell għall-ieħor b'titjira mmewġa (fil-gajd issibha *undulating*) u ħafifa. L-għajta hija karatteristika, u tixbaħ "vit ċakk ċakk". Dan it-tagħrif kollu ssibuh fil-gajd, li huwa l-ewwel ħaġa li għandu jixtri berdwoċer - iva, qabel it-tromba! Għal min ma jafx, gajd (bl-Ingliż *field guide*)huwa ktieb mimli stampi u tagħrif dwar kif tagħraf l-għasafar.

Jekk tmorru sar-riserva ta' l-Għadira għandkom żgur taraw dan l-għasfur. Hemmhekk ukoll ikun hemm nies li jafu sew l-imġiba, il-kuluri u l-għajtiet ta' l-għasafar, u għalhekk jgħinukom issiru berdwoċers mustaċċuni!

**Mark Falzon**

**Nota mill-Editur**
Nixtieq ngħid grazzi kbira lil Mark, li għalkemm bħalissa qiegħed ikompli l-istudji tiegħu ġewwa Cambridge, England, xorta bil-paċenzja kollha għażel li jibqa' jiktbilna u jibagħtilna dawn l-artikli interessanti għall-Ħuttafa. Thanks, Mark. Minn qalbna.

# “M'għamiltx bird table, imma...”



Victoria Aquilina

Għeżież ta' Klabb Ħuttaf,

L-ewwelnett prosit tal-magażin tal-Klabb, veru interessajt ruħi.

Ħa ngħidilkom, jiena m'għamiltx bird table, iżda qbadt plattina tal-qsari, naddaftha sew u fawwartha bil-frak tal-ħobż. Din il-plattina għamiltha fuq il-bir u staħbejt wara l-bieb tal-bitħa. Aqta' x'nara!!

Hawnhekk għandi ritratt b'li rajt. Għasfur komuni ħafna, li ftit taż-żmien ilu għamiltlu wkoll kaxxa ta' l-injam b'toqba fejn jidħol. U dan l-għasfur kien daħal u beda jbejjet hemm.

Grazzi ħafna.

Victoria Aquilina
Iż-Żurrieq

Għażiża Victoria,

Mela inti mhux biss bnejtilhom lukanda lill-għasafar tal-bejt, imma ftaħtilhom ukoll restorant! Mir-ritratt jidher li fil-bitħa m'għandkomx wisq siġar u ħamrija. Imma b'daqsxejn ħsieb, ueġejtna kif xorta nistgħu nħajru l-għasafar jinżlulna fil-btieħi tagħna. Aħna ngawdu l-preżenza tagħhom, u huma jgawdu l-pranzu li nagħtuhom!

Prosit xbin, u prosit iktar talli rnexxielek teħdilhom ritratt. U grazzi tal-kummenti sbieħ!

L-Editur



Jekk dan l-aħħar qabżitlek xi waħda mill-ħarġiet tal-Ħuttafa, ċempel 230684 u għidilna x'jonqsok.

ibagħtu l-ittri tagħkom lil...

Birdlife Malta
(Editur il-Ħuttafa)
POBox 498
Valletta CMR 01

# Birdwatchers Club



Il-**Birdwatchers Club** qiegħed għal dawk il-membri ta' BirdLife u ta' Klabb Ħuttaf li jħobbu l-**berdwoċing**. Dawn joħorġu fil-kampanja armati bit-trombi, u jfittxu postijiet tajbin għall-għasafar. Il-klabb joħroġ magażin jismu ***Woodchat*** u jorganizza attivitajiet għall-membri. Sħubija fil-Birdwatchers Club hija **Lm1.50** fis-sena, u l-membri jridu jkunu għalqu l-10 snin. Min huwa interessat jikteb lil:

**BirdLife Malta • Birdwatchers Club • POBox498 • Valletta CMR01**

Sadattant jekk hemm xi membri Ħuttaf li jixtiequ jmorru berdwoċing fi grupp żgħir ma' berdwoċers ta' l-esperjenza, jistgħu jċemplu lil **Ian Balzan** (tel 225229).

Fantasy WORLD

73 St.Rita Street, Rabat MALTA
Tel 450610

**The PLACE for**
**• toys • games • hobbies •**
**• crafts • stationery •**
**• souvenirs • gifts • sports •**
**• camping/beach •**
**etc.**



***Attention all birdwatchers: Binoculars in stock!***

# Gallerija

Peter Borg



Spanjulett

Elaine Farrugia (12)



Paradise Whydah

Ellsworth Camilleri (11)



Russett Griż

*Għeżież Artisti Tagħna!*

Tpinġux ikbar minn 10x10ċm, użaw karta (mhux kartonċin) bajda u tpinġux bil-kulur. Iktbu isem l-annimal jew pjanta u isimkom u l-età. Ftit ftit it-tpinġijiet tagħkom kollha nġibuhomlkom (jekk timxu mar-regoli). Imma ftakru li hemm kju qabilkom!

## Oħloq annimal

**Ann-Marie Bugeja minn Ħal Tarxien skopriet annimal ġdid u stramb għall-aħħar! Fi kliemha stess, u bit-tpinġija tagħha wkoll, Ann-Marie tlaqqagħna mal...**

## BALŻIRES




**Fejn jgħix:** Fil-ħiters għas-sħana
**X'jiekol:** Ħmieġ li jaqa' fil-ħiter.
**Aktar tagħrif:** Il-Balżires huwa ta' periklu għannies, għax fuq wara għandu ponta, li fiha l-velenu. Jekk dan il-velenu jidħol fid-demm tal-bniedem, dan jista' jmut. Dan l-annimal jiġbed l-ikel minn imnieħru!

Talli vvintat il-Balżires, **Ann-Marie rebħet poster daqsxiex ta' Merill**, li se tirċivih bil-posta. Infakkrukom li għandna **5 posters oħra** x'jintrebħu! U jirbaħ min jivvinta l-iktar annimal stramb! Mela ejja, ixegħlu l-bozza ta' l-immaġinazzjoni, aħsbu fl-aktar ambjent stramb, ivvintaw kemm tifilħu, imbagħad pinġu u iktbu. U ibagħtu kollox lil **BirdLife Malta Klabb Ħuttaf POBox498 Valletta CMR 01 Valletta**. U tinsewx l-indirizz tagħkom.

# Sejrin Berdwoċing

## Selmun...

L-inħawi ta' Selmun huma interssanti għax fihom ħafna ambjenti differenti. Għelieqi, xagħri, widien, irdum, xatt u anke bosk żgħir tal-Ballut (jgħidulu l-Ballut ta' l-iMġiebaħ).
Fix-xitwa l-kampanja Maltija tkun sabiħa. Kif tafu, ix-xitwa ma kinitx xi niexfa, u għalhekk kullimkien infexx fil-ħdura fil-kampanja. Xi fjuri diġà tfaċċaw, u nistgħu naraw għasafar bħal vjolini, kudirrossi, pitirrossi, sturnell, imlievez, zizka, alwett, gawwi.




Biex ma nkunux grupp kbir, se nagħmlu tliet ħinijiet differenti, u intom ejjew f'liema wieħed tippreferu. Ma' kull grupp ħa jkollna berdwoċers li jimxu magħna u jgħinuna nagħrfu l-għasafar. Ħa jkollna ħendawt ukoll. Id-dettalji...

Data: **19 Marzu 1998**
Niltaqgħu: **Quddiem Palazz Selmun**
Ħin: **8am, 9am, 10am**
Ġibu: **Tromba, nowtbuk, x'tieklu, forsi rejnkowt.**



Desirée Falzon

# Sejrin Niżirgħu

**Klabb Ħuttaf irid jgħin fil-Proġett Foresta 2000, u għalhekk ħa mmorru niżirgħu s-siġar tal-Ballut.**
Se niżirgħu fil-fliexken ta' l-ilma. Għalhekk jekk titħajru tiġu, agħmlu biċċa xogħol...

- Sibu flixkun vojt ta' l-ilma. Tal-plastik, taż-2 litri!
- Aqtgħuh min-nofs.
- Ftit 'il fuq mill-qiegħ agħmlulu 3 toqbiet mad-dawra.
- Ġibuh magħkom għall-attività.




*Tkorrux! Jekk għadkom żgħar, għidu lil xi ħadd kbir jgħinkom.*

Data: **22 Frar 1998**
Post: **Fid-daħla tar-Riserva tas-Simar, Bajja tax-Xemxija** (ara mappa).
Ħin: **9.30am sa nofsinhar**
Ġibu: **il-'qasrija', x'tieklu, ingwanti** (jekk iddejqek ħamrija ma' jdejk)






# Ħarġa b'differenza... jgħidulha BAJK ĦAJK!



Agnes Sciciuna



Agnes Sciciuna

F'Novembru 1997 il-**Grupp Lokali Klabb Ħuttaf ta' Ħ'Attard** għamlu ħajk b'differenza. Flok ma qabdu tal-linja bħas-soltu jew krew minivan, qabdu r-roti, iltaqgħu flimkien u saqu lejn Ta' Qali. Hemmhekk għamlu xi attivitajiet u logħob ambjentali. B'hekk ħarġu xorta, gawdew, tgħallmu, ħaddmu ġisimhom u ffrankaw mhux biss il-flus tal-minivan, imma ffrankaw ukoll ftit iktar dħaħen fl-arja. Idea tajba, Ħ'Attard. Prosit!



## Ħajk



Il-**Ħajk tal-Qammieħ** li konna ħabbarna fil-Ħuttafa 23 kien tħassar għax il-magażin waslilkom ftit tard. Għalhekk... **se jerġa' jsir**. Id-dettalji...

Data: **21 Marzu 1998**
Niltaqgħu: **7am IL-BELT** (ħdejn tal-ħalib) jew
**8am L--GĦADIRA** (fil-venda).

**Din l-attività hija għall-Ħuttaf li għalqu 14**

# Kont taf ?

*Audrey Chetcuti*

## Ħarsa lejn l-Orka



L-Orka hija baliena mill-familja tad-dniefel. Kbira (kważi 10m) u b'saħħitha u fl-għawm tlaħħaq ħeffa ta' 50km fis-siegħa. Għandha ħalq snien (xi 50) kollha ppuntati lura lejn griżmejha. Tgħix sa mitt sena.

Tiekol ħut, tajr ta' l-ilma, foki, dniefel, li jiġi! Biex jaqta' l-ġuħ, Orka raġel irid jiekol 250 kilo laħam. Kuljum!Anke l-ikbar annimal tad-dinja, il-Baliena Kaħla, tibża' minnha - mhux ta' b'xejn l-Orka jgħidulha wkoll Killer Whale. Imma oħroġ l-għaġeb, nies qatt ma attakkat.

L-Orka tinstab f'ħafna ibħra tad-dinja, imma tippreferi l-ibħra kesħin ta' l-Artiku u l-Antartiku, għax mimlijin ħajja.

L-Orka hija annimal soċjali, jiġifieri qatt ma taraha weħidha, imma dejjem f'xi grupp ta' xi 30 annimal.

## Għali Ambjentali

Problemi li qed jagħmlu ħsara lill-ambjent naturali.

# Il-Martri tax-Xampu!




**Kull darba li inti tixtri xampu jew *toothpaste*, taf li tkun qed tieħu deċiżjoni favur jew kontra l-annimali? Kull darba li inti tixtri prodotti li jkunu ġew ittestjati fuq l-annimali, taf li inti qed tgħid iva għall-moħqrija u l-qtil ta' miljuni ta' annimali?**

Qabel ma joħorġu prodott ġdid fis-suq, ħafna kumpaniji jittestjaw il-prodott fuq annimali fil-laboratorju, ħalli jaraw jekk il-prodott huwiex perikoluż. Imma ħafna kumpaniji jesaġeraw sew f'dawn l-esperimenti, u qed issir ħafna moħqrija għalxejn u ħela kbira ta' ħajja.

Eżempju ta' test użat huwa d-Draize Eye Irritancy Test. F'dan it-test, numru ta' fniek jissakkru f'gaġeġ żgħar b'rashom biss barra. Dan isir b'mod li jekk il-fniek jippruvaw iduru jistgħu jiksru għonqhom jew daharhom. Imbagħad ix-xjenzati jikklippjaw għajnejn il-fniek biex ma jkunux jistgħu jagħlquhom. Wara dan iqattru f'għajnejn il-fniek kwantità kbira ta' kimiċi, per eżempju xampu. U dan kollu biex imbagħad joqogħdu jifirħu b'riżultati bla sens: per eżempju, b'Xampu A fenek idum 72 siegħa biex jagħma, u b'Xampu B jdum 90 siegħa!

Meta nżommu f'moħħna li dawn l-esperimenti jsiru bla loppju, nibdew nifhmu x'passjoni jgħaddu dawn l-imsieken annimali sa ma fl-aħħar jinqatlu, jew imutu bl-esperiment. U ma tgħidx jippruvaw l-esperiment darba. Le, jippruvaw l-istess test fuq mitt fenek jew iktar, ħalli mingħalihom it-test ikun iktar serju!

Ħafna xjenzati oħra ilhom jgħidu li dawn it-testijiet u oħrajn bħalhom ma jiswew xejn, għax l-għajn tal-fenek hija differenti mill-għajn tal-bniedem. Fil-fatt, minkejja t-testijiet kollha li jsiru fuq l-annimali, ix-xjenzati jafu li ħafna drabi l-effett ta' prodott fuq annimal u l-effett ta' l-istess prodott fuq bniedem huma differenti.

Tul is-snin żviluppaw metodi ġodda kif tittestja kożmetiċi bla ma taħqar l-annimali, u dawn it-testijiet jagħtu riżultati aħjar. Dawn jinkludu *cell cultures*, testijiet fuq corneas minn *eye banks* eċċ.



Allura forsi tistaqsu: Jekk jeżistu metodi aħjar u li ma jintużawx annimali fihom, għaliex ma jużawhomx il-kumpaniji kollha? It-tweġiba hija sempliċi: xi kumpaniji jippreferu jkomplu jużaw l-annimali milli jonfqu l-flus biex issir riċerka dwar metodi ġodda. Wara kollox, l-uniku interess li għandhom dawn il-kumpaniji huwa l-flus - x'jimpurtahom li joqtlu miljuni ta' annimali, l-aqwa li jsiru sinjuruni.

Meta nixtru kożmetiċi, aħna jew inkunu qed ngħidu "ibqgħu ittestjaw fuq l-annimali, jien ma jimpurtanix" inkella ngħidu "Le, jiena għandi rispett lejn il-ħajja." Veru li kultant prodotti mhux ittestjati fuq l-annimali jkunu jqumu ftit iktar minn prodotti oħrajn.

**Imma ftakar li jekk ma tħallasx il-prezz inti bi flusek, il-prezz se jħallsu l-annimal... b'ħajtu!**

**DAWN ma jittestjawx il-prodotti tagħhom fuq l-annimali ↓**

- Avon
- The Body Shop
- Chanel
- Christian Dior
- Estee Lauder
- Fruit of the Earth
- Gucci Parfums
- KMS
- New Age Products
- Revlon
- St.Ives Labs
- United Colors of Benetton
- Wella
- Yves Rocher
- Zotos International

**Imma DAWN ...iva! ↓**

- Bausch & Lomb
- Braun
- Colgate-Palmolive
- Elizabeth Arden
- Gillette
- Max Factor
- Oral-B
- Pantene
- Parker Pens
- Procter & Gamble
- Vidal Sassoon

Jekk tridu iktar tagħrif fuq dan is-suġġett, iktbu lil
PETA (People for the Ethical Treatment of Animals)
POBox42516, Washington DC 20015, USA

**Elizabeth Conrad**

# GRUPPI LOKALI

**Ħamrun/Marsa**
Leaders: Caldon Mercieca (K), Marija Calleja
**Ħ'Attard**
Leaders: Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Valerie Scicluna, Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Sharon Sultana, Ingrid Vassallo.
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)

# BOLLI GĦALL-BALLUT

**Dawn huma l-membri li bagħtu bolli wżati għall-Kampanja Bolli għall-Ballut f'dawn l-aħħar xhur**

Stephanie Abela • Jurgen Pavonello • Steve Scicluna • Eman Scicluna • Mariana Żammit • Kristina Marie Bartolo • Mr & Mrs VJ Woolls • Clayton Camilleri • Elizabeth Camilleri • Christian Brincat • Arthur Briffa • Cnristopher Schembri Baldacchino • A Agius • Clayton Mercieca

**Grazzi ħafna, ħbieb. Mingħajr membri bħalkom, Bolli għall-Ballut tfalli!**

**S'issa biegħna bi Lm38 bolli wżati!**



# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf





## u LILEK nibagħtulek...

- **3 PITAZZI ta' BirdLife Malta** u
- **STIKER (bil-kulur) ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**

**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________





**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - HU FOTOKOPJA**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta (Klabb Ħuttaf) POBox498 Valletta CMR 01.**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ



B'ċirku wieħed mad-dawra ma kienx biżżejjed biex nistivaw lil kulħadd. Kellna nżidu ċirku ieħor fuq ġewwa!!

Victor Falzon



Bl-għajnuna ta' Caldon u oħrajn, Father Christmas qassam rigali u posters lil kulħadd!

# X'rat il-Kamera!

**Għal darba KAMERA ma qagħditx iddur fil-kampanja, imma daħlet sa ġewwa, u sabet party... il-Party Milied 1997 ta' Klabb Ħuttaf!**

